1. Il-kwalitajiet li Alla jagħtina ma nistgħux inżommuhom għalina imma rridu naqsmuhom mal-oħrajn.
2. Il-qadi hu servizz u dan is-servizz għandu jsir u jingħata minn kulħadd. Għandu jsir bl-imħabba kollha biex iħalli l-frott.
3. Mosè kien imrobbi ta' princep imma fil-fatt kien Lhudi li trabba fil-palazz minħabba li t-tifla tal-Fargħun sabitu fix-Xmara fejn kienet ħallietu ommu.
4. Darba qatel Eġizzjan biex isalva wieħed Lhudi u tant beża' li ħarab.
5. Darba, waqt li kien qed jirgħa n-nagħaġ deherlu Alla f'siġra tal-għollieq taqbad bla ma tinqered u qallu biex imur lura l-Eġittu u jeħles lil-Lhud.
6. Mosè beża' minn dak li seta' jiġri jekk imur lura. Ma tantx kien kapaċi jitkellem għax kien ilaqlaq.
7. Imma allavolja swietlu tensjoni kbira hu mar u baqa' baqa' sakemm il-Fargħun kellu jħalli lil-Lhud joħorġu.
8. Kien persuna ta' kuraġġ kbir, kapaċi jbati u jibqa' għaddej. Kien ukoll determinat li jagħmel dak kollu li kien mitlub minnu.
9. Il-kuraġġ, il-fidi, l-ubbidjenza u l-imħabba huma kwalitajiet li aħna, bħal Mosè, irridu nkabbru fina jekk irridu nimxu 'l quddiem fil-ħajja tagħna.

